

# Il-Bradella tal-Vara ta' Marija Immakulata – Bormla

### Mitt Sena – 1900-2000

Kitba ta' Joseph R. Gatt

Għall-festa ta' Marija Immakulata tas-sena 1900, f'Bormla ġiet inawgurata bradella u bankun għal taħt il-vara titulari tagħha. Huwa xieraq li f'għeluq il-mitt sena minn din il-ġrajja nagħti ftit tagħrif dwarha: naraw min kienu dawk li ddisinjawha u ħadmuha u ħabirku biex issir.

## Disinn u Xogħol

Il-Bormliżi kienu ilhom bil-ħsieb li jkollhom bradella aħjar għall-vara titulari tagħhom. Minn żewġ kitbiet li deħru fil-ġurnal "Malta Tagħna" 15.12.1900 waħda minn M.S. u oħra fit-22.12.1900 minn Berber insibu tagħrif interessanti dwar dan. Għalkemm M.S. isemmi fost ħwejjeġ oħra lil Mastru Wenzu Busuttil minn Bormla li ddisinja u ħadem il-bradella, il-korrispondent Berber ħass li minħabba nuqqas ta' eżattezza, għandu jiċċara min kienu dawk li ddisinjawha u ħadmuha. B'inserzjonijiet bil-ħlas u biex "Kulħadd (jieħu dak) li ħaqqu" Berber jgħid "li s-Sur M.S. ma kienx infurmat sewwa" u jżid "l-ewwelnett id-disinn ġie magħmul minn Emmanuele Buhagiar u minn Lorenzo Busuttil, imbagħad it-tarsija u l-iskultura ġew maħdumin minn Emmanuele Buhagiar mill-Birgu, li verament impenja mhux ftit sabiex ix-xogħol jirnexxilu sewwa. Għalhekk ħaqqu prosit tassew."

Berber ikompli jgħid "il-karpenterija mbagħad ġiet segwita minn Lorenzo Busuttil li dan impenja mhux inqas mill-ieħor, għalhekk jiena infaħħar lil dawn iż-żewġ imgħallmin li għarfu jagħmlu opra li ssemmiet ma' Malta kollha..."

## Min Kienu E. Buhagiar u L. Busuttil

**Manwel Buhagiar (1876-1962)**. Twieled il-Birgu fis-16 ta' Diċembru 1876. Missieru kien karpentier fit-Tarzna u minn għandu ħa l-ġibda għax-xogħol fl-injam.

L-ewwel tagħlim ħadu mingħand is-Surmast Saliba tal-Birgu u kompla ma' l-iskultur Aristide Bonnici, il-pittur Gius. Bonnici, A. Galdes u Lazzaro Pisani. Kien skultur u disinjatur tajjeb u kien ebbanista u intersjatur prim li ħadem bosta xogħlijiet fuq id-disinji tiegħu u ta' disinjaturi oħrajn. Kien imfittex ħafna għax-xogħol tiegħu.

Buhagiar ħadem kandlieri, gwarniċi għall-ventaltari, bradelli u tagħmir ieħor għall-knejjes. Minn fost il-bradelli li ħadem fuq disinji tiegħu, insemmi biss dawk ta' Marsaxlokk; Għargħur; Ħad-Dingli; Żabbar, Safi, Żurrieq (disinn), Mqabba (Madonna tal-Ġilju).

Iddisja kanupewijiet, sopra-dvalji għall-altari, standardi u bandalori, ventaltari u apparat ieħor liturġiku. Kollha b'disinji ħelwin u rrakkmati bil-ħjut tad-deheb.

Għamel ukoll bosta mudelli għal xogħlijiet biex jinħadmu fil-fidda.



*Il-bradella tal-Kunċizzjoni minn wara.*
*Ritratt: Tony Terribile*

Kien ħabib kbir ta' l-iskultur u disinjatur Abram Gatt (1863-1944) u ħuh Ġużeppi (1873-1960), li kien surmast tad-disinn u statwarju. Fuq id-disinji ta' Abram Gatt, Manuel Buhagiar ħadem diversi xogħlijiet. Insemmi biss il-bradelli ta' Santa Marija (Mqabba) u ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan. Abram Gatt kellu fiduċja kbira f'Buhagiar għax fih kien jara ħila fit-twettiq tax-xogħol tiegħu.

Miet fi Frar 1962.

**Mastru Wenz Busuttil.** Bħal ħafna mgħallmin u nies tas-sengħa tajbin, dwar Mastru Wenz ftit li xejn nafu għax isimhom u xogħlijiethom intnesew maż-żmien. Dak li ksibt dwaru hu ftit wisq, għajr li kien minn Bormla, li fil-gwerra mar joqgħod Ħaż-Żabbar u miet hemm snin wara. Kien mastrudaxxa tajjeb li barra l-bradella ħadem xogħlijiet oħra għall-knisja ta' Bormla, imma ma nafux liema huma.

## Il-Bradella u l-Bankun

Il-Bradella hi kwadra, intersjata b'disinn ħelu li jdur mad-dawra kollha tagħha. Fin-nofs ta' kull faċċata tolqtok l-istemma tal-Kolleġġjata ta' Bormla; il-ġilju, il-qamar u s-serp. Xogħol ta' skultura fina fl-injam tal-ġewż. Tintrefa' bil-vara fuq erba' bsaten li jidħlu taħtha. Jerfgħuha tmien fratelli, erbgħa quddiem u erbgħa fuq wara.

Il-bankun ta' taħt il-bradella hu ta' l-istess qies u għandu tarġa għolja ftit ċentimetri. Ħadmuh f'ħames biċċiet prinċipali - erba' faċċati u t-tarġa. Hu maħdum fl-injam ta' l-aħmar miksi bl-injam tal-ġewż Afrikan, ebbanu, 'satinwood' u mansonja. L-intersjar hu injam 'ħombin', injam ieħor fin jixbaħ dak tal-larinġ.

F'kull faċċata naraw erba' pilastri tondi weqfin fuq bażi u bil-kapitelli. Il-pilastri magħqudin ma' xulxin bi tliet arkati u jiffurmaw bħal tliet "niċeċ" żgħar. Fuq l-arkati

naraw l-arkitrav u gwarniċun li jdur mal-bradella kollha ta' fuqu.

F'kull "niċċa" hemm intersjata, fuq fond iswed il-figura sħiħa ta' Appostlu bis-simbolu tiegħu u b'ismu miktub fuq faxxa. Kemm l-appostli kif ukoll l-ispazji li hemm fil-faċċati huma nterzjati b'disinni delikati, proporzjonati u b'simmetrija. Kompożizzjoni tajba li ġġagħlek tersaq viċin tagħha biex taraha aħjar.

Fin-"niċċa" tan-nofs tal-faċċata ta' quddiem naraw lil San Pawl u l-aħwa San Pietru u San Andrija fuq il-ġnub tiegħu. F'dik ta' wara nsibu lil San Ġwann, San Taddew u San Ġakbu. F'dawk tal-ġnub hemm San Xmun, San Bartilmew u San Tumas, u fl-oħra lil San Mattew, San Filippu u San Ġakbu l-Kbir. F'nofs kull arkata tispikka ħafna l-werqa ta' l-akantus maħduma fil-fidda. Jidher li d-disinjaturi qishom ma kinux kuntenti biżżejjed b'dan kollu għax il-wiċċ tat-tarġa żewquh ukoll b'disinn ta' weraq u fjuri u fil-kantunieri tagħha daħħlu l-frażijiet (1) Tu gloria Jerusalem (Int il-glorja ta' Ġerusalem), (2) Tu laetitia Israel (Int il-ferħ ta' Israel), (3) Tu honorificentia popoli nostri (Int l-unur tal-poplu tagħna), (4) Tu advocata paeccatorum (Int l-avukata tal-midinbin). Uħud minn dawn il-kliem li naqraw fil-Ktieb ta' Ġuditta, il-knisja tużah biex tfaħħar lill-Madonna.

Fil-kantunieri tal-bankun insibu wiċċ ta' anġlu minqux fl-injam u pendent intersjat ħiereġ minn taħtu.

Il-kumpless kollu ta' din l-opra huwa xogħol sabiħ ta' l-arti, bi skultura u intersjar mirqum u delikat, li tagħti pjaċir lil dawk li jammiraw u japprezzaw xogħlijiet ta' l-arti ta' din il-kwalità.



*Dettal mill-bradella*

Kif jgħidilna M.S. kienet "... novita' għall-Malta" u saret bit-tħabrik "tas-Sur Paris u l-benefatturi l-oħra" (Bormliżi). Inħadmet fi żmien l-Arċipriet Kan. D. Salvatore Portughese (1895-1902) u l-Vigarju Kurat il-Kan. D. Giuseppe Azzopardi (1891-1913). Fi żmien il-Prokuratur tal-Festa, il-Kan. D. Ġorġ Abela (1924-1990) inġieb bankun għall-forċini. Il-forċini huma tal-bronż indurati bil-fidda u fihom is-simboli ta' l-erba' Evanġelisti - il-Baqra, l-Anġlu, l-Ajkla u l-Iljun.

Ta' min jgħid li l-bradella u l-bankun il-qodma kienu nxtraw mill-fratellanzi tar-Rużarju u taċ-Ċintura (ta' Ħal-Luqa) fl-1917, fi żmien il-Kappillan Dun Anton Debono (1903-1920).

## Il-Vara Fin-Niċċa

Matul is-sena l-vara l-qadima tal-Kunċizzjoni (1680ċ), dik li jingħad li nħadmet minn Suor Maria De Domenicis, kif ukoll il-ġdida (1905) li nħadmet u tnaqqxet (mhux inksiet) fil-fidda mid-"Ditta Antonio Għezzi e figlio", fuq disinn ta' Abram Gatt (1864-1944) kienet tinżamm, mingħajr ir-raġġiera u l-pedestall f'niċċa li kien hemm bejn l-altar ta' San Dimitri u dak ta' San Ġwann. Iżda meta fl-1926 saret in-niċċa fuq disinn ta' Abram

Gatt (li sa l-1983 kienet tintrama u tiżżarma kull sena fuq l-altar ta' San Ġwann) il-vara bdiet titqiegħed fiha bil-pedestall u r-raġġiera wkoll. Din in-niċċa llum tinsab fis-sagristija b'San Andrija fiha.

Wara li saret in-niċċa (1983) li naraw flok l-altar tal-Madonna tal-Grazzja, il-vara bdiet tinżamm fiha fuq il-bradella b'kollox. B'hekk, kemm il-vara kif ukoll il-bradella bdew jitgawdew matul is-sena kollha. Il-bankun ma baqax jiżżarma u jintrama kull sena għax għaqqduh ħaġa waħda. Ħolqulu sistema biex jinħareġ (bil-vara fuqu) min-niċċa u jittieħed faċilment u bla tbatija żejda għal taħt in-nava għall-jiem tal-festa.

Ta' min iżid li l-vara ddaħħlet l-ewwel darba fin-niċċa l-ġdida ftit jiem wara l-festa tas-sena 1983 u nħarġet fit-28 ta' Novembru 1984 għall-ewwel funzjoni tas- "Salve" ta' dik is-sena.


*In-niċċa l-ġdida tal-Kunċizzjoni maħduma fuq id-disinn tas-Sur Salvu Bugeja fl-1983.*

## Tagħrif ieħor

Fl-1989, is-Sur Carmelo De Lorenzo, b'ħila u paċenzja kbira rrestawra l-bradella u l-bankun u reġa' ħareġ il-ġmiel tax-xogħol oriġinali. Ta' min ifakkar li De Lorenzo kien ħadem fuq id-disinji tiegħu l-ambone (1966); is-Sedja taċ-ċelebrant (1978) u ż-żewġ antiporti tal-bibien tal-ġnub tal-knisja tagħna. Ħadem ukoll il-leġiju tas-Surmast tal-Banda (1968) għall-Każin tal-Banda San Ġorġ Bormla. Kollha xogħlijiet delikati u sbieħ li bihom wera l-ħila tiegħu. Carmelo De Lorenzo ħa l-ewwel tagħlim tiegħu fid-disinn ma' Ġużeppi Gatt.

Minn rapport ta' T. Borg, dwar it-Tielet Ċentinarju ta' Santa Tereża ċelebrat mill-Patrijiet Tereżjani f'Bormla, li deher fil-ġurnal Malta Tagħna 28.10.1922, insiru nafu li l-bradella u oġġetti oħra kienu mislufa mill-Kapitlu lill-Patrijiet għall-festi tagħhom.

Tajjeb li nfakkru li l-istess bradella, flimkien mal-vara, il-Kwadru Titulari u teżori oħra kienu ttieħdu fil-Kolleġġjata ta' S. Elena, B'Kara biex ikunu mħarsin mill-qilla tal-gwerra 1939/45. Fil-festi tal-Kunċizzjoni li saru f'B'Kara f'dawk iż-żminijiet, il-bradella kienet intużat. Hekk reġa sar f'għeluq il-ħamsin sena mill-Pellegrinaġġ il-kbir - B'Kara/ Bormla. F'dawk il-festi, il-bradella u l-vara reġgħu ttieħdu B'Kara għall-festi li saru hemm fl-1994.

## Għeluq

Il-Bormliżi li wirtu din l-opra mingħand ix-xjuħ tagħhom, illum qishom qed jisimgħuhom jgħidulhom: "Ħarsu u għożżu din l-opra ta' l-arti u tħallux isirilha ħsara biex tibqgħu tarawha intom u ta' warajkom kif rajniha aħna mitt sena ilu".

i. Ħajr lis-Sur Carmelo De Lorenzo għat-tagħrif li tani dwar il-kwalita' ta' l-injam li ntuża biex saret din l-opra.
ii. Tagħrif ieħor fil-pussess ta' l-awtur.


Tal-Familja

**Restaurant**

Triq il-Gardiel, Marsascala – Tel: 632161 Mob: 0947 3081

**Open every day except Mondays from 12.00pm to 12.00am**

*Famous for Fresh Fish and Maltese Dishes*

*Nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Bormliżi kollha*



just paints

THE COMPLETE PAINT CENTRE




Opening Hours: Mon-Fri 8.00 - 1.00 / 4.00 - 7.00
Saturday 8.00 - 1.00

Bastion Street, Fgura • Tel: 822668